MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 54/2007

Maltacom plc (C22334) u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2007, l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal Go plc

vs

Emanuel Vella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tliet mija u erbatax –il lira Maltin u sitta u sebghin centezmi [Lm314.76] dovuti in konnessjoni mas-servizz LL-A-Voice [A/C no. 10002693] li kien installat fil-fond 'Poultry Farm', Triq Ras Il-Bajjada, Munxar, Ghawdex, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Marzu 2007, u bl-imghaxijiet

kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh, u minkejja li fl-ewwel udjenza d-difensur legali tieghu l-Avukat Marthese Portelli ddikjarat li huwa kien qed jikkontesta t-talba tas-socjeta’ attrici u li l-konvenut kien ser jipprezenta risposta formali fir-registru, il-konvenut baqa’ ma dahhal ebda risposta u lanqas ma deher ghal ebda seduta li saret wara.

Sama’ l-provi.

Fl-udjenza tal-10 ta’ Dicembru 2008, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tas-7 ta’ Jannar 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li giet debitament imsejha diversi drabi skond il-ligi, u baqa’ ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li l-konvenut effettivament ghamel uzu mis-servizz offrut mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu sa meta kien hu stess li talab li jitnehhielu, u li baqa’ ma hallasx il-kontijiet li kien ghad fadal pendenti wara li s-servizz kien tnehha.

Ghalhekk it-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha mija u tlieta u tletin Euro u dsatax –il centesimi [€733.19] ekwivalenti ghal tliet mija u erbatax –il lira Maltin u sitta u sebghin centesimi [Lm314.76], ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta’ LL-A-Voice [A/C no. 10002693], bl-imghax legali b’effett mis-16 ta’ Frar 2006, meta l-konvenut talab li jitnehhielu s-

servizz sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------